**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Il-Ġimgħa 15 ta' Novembru 2019

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## AĠENDA Numru 6

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 6 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 21 ta' Novembru 2019 fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

### AĠENDA

06.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
06.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
06.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
06.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
06.5 Rapporti;
06.6 Ir-Rapport tal-Awditur Ġenerali dwar il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
06.7 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
06.8 Aġġudikazzjoni tal-Kwotazzjonijiet għall-Ħatra ta' Data Protection Officer;
06.9 Il-Ħatra ta' Contracts Manager fil-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
06.10 Aġġornament dwar il-format ta' kif jingħata Ġieħ il-Qrendi;
06.11 Aġġornament dwar l-attivitajiet kulturali fil-Qrendi matul Diċembru 2019;
06.12 Aġġornament dwar il-mixgħela tad-dawl għall-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena;
06.13 Aġġornament dwar il-Festival tal-Patata 2020;
06.14 Deċiżjoni dwar Measure 4 – Development of Green Infrastructure;
06.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
06.16 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tas-6 Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar il-Hamis 21 ta' Novembru 2019 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fit-8pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja |
| Kunsillier | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ | Gabriel Camilleri |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Kunsilliera | Marion Parnis |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

06.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

06.1.1 Inqrat ittra t'apoloġija mibgħuta mill-Kunsilliera Marion Parnis.

06.1.2 Is-Sindku David Schembri ppropona li l-Kunsill Lokali jaċċetta l-apoloġija tal-Kunsilliera Parnis.

06.1.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja ssekonda u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

06.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

06.2.1 Il-Minuti tal-5 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja.

06.2.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda l-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 06.3, 06.4 u 06.5 jiġu diskussi wara Minuta 06.14 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 06.6 IR-RAPPORT TAL-AWDITUR ĠENERALI DWAR IL-QAGĦDA FINANZJARJA TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

06.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li fl-aħħar ġimgħat issemmejna fir-rapport tal-Awditur Ġenerali u ntqal li ma bagħtniex l-Audited Financial Statements 2018.

06.6.2 Qal li huwa minnu li aħna għadna ma daħħalniex l-Audited Financial Statements u dan minħabba li l-awdituri tal-NAO għadhom ma ffinnalizzawx ir-rapport tagħhom minħabba li hemm problema fil-Fixed Asset Register.

06.6.3 Spjega kif fis-16 t'Awwissu 2019 saret laqgħa bejn l-awdituri tal-NAO u l-accountant tal-Kunsill Lokali fejn ġie spjegat li jekk mhijiex se tiġi rranġata l-anomalija li hemm fil-FAR mill-2015 'il quddiem, allura kull sena l-awdituri ser ikollhom jikkwalifikaw l-accounts tal-Kunsill Lokali.

06.6.4 Żied li d-deċiżjoni finali kienet li l-Kunsill Lokali ser jagħti l-għajnuna kollha li hemm bżonn sabiex din is-sitwazzjoni tiġi riżolta darba għal dejjem.

06.6.5 Qal li t-talba tal-accountant kienet li jingħataw l-invoices u l-irċevuti sa mill-2005 sabiex issir rikonċiljazzjoni mal-FAR li skont l-awdituri sal-2015 kien korrett.

06.6.6 Spjega li min-naħa tagħna bagħtna l-informazzjoni kollha mitluba lill-accountant u qegħdin nittamaw li sa Diċembru tkun saret ir-rikonċiljazzjoni kollha sabiex inkunu nistgħu nagħlqu l-Financial Statements 2018 qabel ma' tispiċċa din is-sena.

## 06.7 AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

06.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li fl-aħħar tlestiet l-ewwel filata tal-pedament (il-blinding layer) u jidher li x-xogħol qabad miexi ġmielu.

06.7.2 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja staqsa jekk it-terrapien li hemm fuq is-sit

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

jistax jitneħħa sal-aħħar tas-sena.

06.7.3 Is-Sindku wieġeb li dan għadu jrid jintgħażel għaliex hemm minnu li jista' jintuża', fosthom il-ġebel kbir li ser jintuża' mal-pedament u jitħallat mat-torba.

## 06.8 AĠĠUDIKAZZJONI TAL-KWOTAZZJONIJIET GĦALL-ĦATRA TA' DATA PROTECTION OFFICER

06.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Kunsill Lokali kien tal-fehma li l-ewwel tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet u naraw kif immorru fl-ewwel sena, imbagħad jinħareġ tender uffiċjali lejn tmiem is-sena 2019.

06.8.2 Qal li bgħattna lil diversi kumpanija għal kwotazzjoni ta' Data Protection Officer u b'kollox irċevejna tliet kwotazzjonijiet.

06.8.3 Spjega li t-tliet kwotazzjoni li rċevejna kienu s-segwenti:

Kwotazzjoni 1 - €6,000 (excl. VAT)
Kwotazzjoni 2 - €4,500 (excl. VAT)
Kwotazzjoni 3 - €4,770 (excl. VAT)

06.8.4 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill Lokali jagħżel l-irħas kwotazzjoni, dik ta' €4,500 (excl. VAT)

06.8.5 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja ssekonda u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 06.9 IL-ĦATRA TA' CONTRACTS MANAGER FIL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

06.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li s-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Silvio Parnis qiegħed jinsisti li kull Kunsill Lokali jkollu Contracts Manager.

06.9.2 Qal li diversi Kunsilli Lokali qegħdin jagħżlu metodi differenti kif

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

jagħżlu l-Contracts Manager tagħhom.

06.9.3 Spjega kif kien hemm Kunsill Lokali li ħarġu talba għal tenders u/jew kwotazzjonijiet għal persuna kwalifikata, filwaqt li kien hemm oħrajn li talbu għal persuna fi Skala 13.

06.9.4 Ippropona li ġaladarba għandna bżonn impjegat/a ġdid fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, ikunu jaqblilna jekk kemm-il darba ndaħħlu persuna Skala 13 u apparti x-xogħol fl-uffiċċju, il-persuna tkun inkarigata milli tara jekk il-kuntratti li għandu l-Kunsill Lokali humiex qegħdin jiġu esegwiti.

06.9.5 Il-Viċi Sindku ppropona li għandna niċċekkjaw mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali jekk kemm-il darba l-Contracts Manager għandux ikollu xi kwalifiċi nesċessarji.

06.9.6 Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda.

## 06.10 <u>**AĠĠORNAMENT DWAR IL-FORMAT TA' KIF JINGĦATA ĠIEĦ IL-QRENDI**</u>

06.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li f'din il-laqgħa ser titkompla d-diskussjoni dwar kif ser jingħataw il-marki għal Ġieħ il-Qrendi.

06.10.2 Ġie propost li minflok jingħataw persentaġġi jingħataw punti u jiġi rranġat il-kliem biex jinftiehem aktar.

06.10.3 Barra minn hekk, jekk persuna tista' tingħata sa 5 punti pereżempju, għaldaqstant jitniżżel minn 0-5 ħalli l-aġġudikanti jifhmu aktar kif iridu jivvutaw.

06.10.4 Is-Sindku ppropona wkoll li mill-għaqdiet nagħmluha ċara li nixtiequ li fuq il-Bord ikun hemm il-President jew is-Segretarju, punt li kien hemm qbil unanimu fuqu.

06.10.5 L-applikazzjonijiet għal Ġieħ il-Qrendi 2020 ser jinħarġu t-Tnejn 9 ta' Diċembru 2019 u jagħlqu l-Ġimgħa 10 ta' Jannar 2020.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 06.11 AĠĠORNAMENT DWAR L-ATTIVITAJIET KULTURALI FIL-QRENDI MATUL DIĊEMBRU 2019

06.11.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-ewwel attività ser issir nhar il-Hadd 1 ta' Diċembru fil-Knisja Parrokjali u din ser tkun il-Piano & Organ Recital, permezz tal-Malta International Organ Festival.

06.11.1.1 Qal li dan ir-Recital ser ikun sponsorjat mir-Reġjun tan-Nofsinhar u għaldaqstant il-Kunsill Lokali mhu ser ikun qiegħed joħroġ l-ebda flus għal dan l-avveniment.

06.11.2 Is-Sindku tkellem dwar iż-żewġ applikazzjonijiet taż-żewġ soċjetajiet mużikali u qal li t-tnejn li huma ġew aċċettati mir-Reġjun tan-Nofsinhar.

06.11.2.1 Qal li s-soċjetajiet mużikali ser jieħdu €1,000 kull wieħed filwaqt li l-Knisja Parrokjali ser tieħu €500.

## 06.12 AĠĠORNAMENT DWAR IL-MIXGHELA TAD-DAWL GĦALL-FESTI TAL-MILIED U L-EWWEL TAS-SENA

06.12.1 Is-Sindku David Schembri qal li kellna risposta mis-soċjetajiet mużikali fejn dawn qablu li din is-sena s-Soċjetà Mużikali Santa Marija tarma d-dawl wara l-Monument tal-Gwerra u s-Soċjetà Filarmonika Lourdes tarma d-dawl fil-Ġnien tal-Warda u s-sena d-dieħla jsir viċi versa.

## 06.13 AĠĠORNAMENT DWAR IL-FESTIVAL TAL-PATATA 2020

06.13.1 Is-Sindku David Schembri qal li s'issa għad m'għandna l-ebda informazzjoni jekk hux ser ningħataw xi fondi għal dan il-Festival.

06.13.2 Qal li fil-jiem li ġejjin ser issir laqgħa sabiex titnieda l-istrateġija tal-attivitajiet kulturali u r-Reġjun tan-Nofsinhar jixtieq li kull NGO li għandna fil-lokal jipparteċipa.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

06.13.3 Jidher li din ser tkun strateġija għas-snin 2020-2024.

06.13.4 Is-Sindku fakkar lill-Viċi Sindku sabiex jitlaħħaq is-sotto kumitat tal-Festival Agrarju tal-Patata jekk kemm-il darba ser isir il-festival is-sena d-dieħla.

## 06.14 DEĊIŻJONI DWAR MEASURE 4 – DEVELOPMENT OF GREEN INFRASTRUCTURE

06.14.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar għal dan il-proġett għadu ma ħariġx u dan minħabba problemi u ntoppi li sibna minn entitajiet differenti.

06.14.2 Spjega kif malli nsolvu ntopp qegħdin insibu ieħor ma' wiċċna, b'mod speċjali mill-ERA, mis-CDRP u anke l-Awtorità tal-Ippjanar stess.

06.14.3 Qal li donnu dan il-proġett mhu ser isir qatt u ppropona li bħalma kellhom jagħmlu Kunsilli Lokali l-oħra, inħallu dan il-proġett fil-ġenb u ninfurmaw lil GAL Xlokk.

06.14.4 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 06.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

06.3.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar il-Konferenza Nazzjonali Dwar it-Tindif u qal li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon attendew għal din il-konferenza.

06.3.1.1 Qal li matul din il-konferenza tkellmu fuq dak kollu li għandu x'jaqsam mat-tindif u kif pajjiżna u kull lokalità jistgħu jkunu aktar indaf.

06.3.2 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li kellu mal-ERA minħabba d-dwal li hemm f'Wied iż-Żurrieq.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

06.3.2.1 Qal li l-laqgħa kienet minħabba d-Direttiva tal-Għasafar sabiex kemm jista' jkun ma jkunx hemm daqshekk dawl qawwi f'din iż-żona.

06.3.3 Is-Sindku tkellem dwar esebizzjoni Ċiniża li ser issir fid-29 ta' Novembru fl-Iskola Primarja tal-Qrendi.

06.3.4 Is-Sindku tkellem dwar żjara minn blogger fir-raħal tal-Qrendi li tieħu ħsieb il-websajt themayor.eu.

06.3.4.1 Qal li hu ħa ħsieb li jdawwarha ma' diversi postijiet interessanti fil-Qrendi u issa mistennija tikteb xi artikli dwar dan.

06.3.5 Is-Sindku tkellem dwar iż-żjara li hu kellu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon f'Santiago de Compostela, Spanja.

06.3.5.1 Qal li issa jmiss li ssir konferenza f'Kaunas, il-Litwanja bejn il-5 u t-8 ta' Frar 2020 u stieden lill-Kunsillier Charles Zerafa sabiex jattendi miegħu.

06.3.6 Is-Sindku tkellem dwar il-laqgħa li kellu mal-Imħallef Rosemarie Aquilina.

06.3.6.1 Qal li l-laqgħa kienet f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi u wara intervista ta' siegħa ma' ġurnalist partikolari, hu kellu ċ-ċans li jippreżentalha żewġ kotba dwar il-Qrendi u laqmijietu.

06.3.6.2 Kompla li apparti hu u s-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon, attenda wkoll l-ex Sindku Carmel Falzon u nies oħra mill-Qrendi li huma familjari tagħha.

06.3.7 Is-Sindku tkellem dwar it-tisbiħ tal-ħitan tas-sejjieħ f'Misraħ il-Madonna tal-Ħniena.

06.3.7.1 Qal li lbieraħ saret laqgħa bejn il-kuntrattur, il-Perit tal-Kunsill Lokali u rappreżentanti tal-istess Kunsill fejn ġie deċiż liema parti ser tinbeda.

06.3.7.2 Spjega li l-ewwel irridu nsibu persuna professjonali li ser tagħmel moniteraġġ tax-xogħol, liema persuna trid tkun approvata mis-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Sovratindenza tal-Wirt Kulturali, imbagħad ikun jista' jinbeda x-xogħol.

06.3.8 Is-Sindku tkellem dwar ir-restawr tal-erba' pilastri li għandna madwar il-Qrendi u issa wasalna għall-fażi li nippubblikaw it-tender.

06.3.8.1 Qal li ser tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet permezz tas-sistema ePPS minħabba li l-Kunsill Lokali qiegħed jikkalkula li dan ix-xogħol ta' restawr jiġi jiswa inqas minn €10,000.

06.3.9 Is-Sindku tkellem dwar kirja li jrid jagħmel il-Kunsill Lokali minħabba li ser joħroġ mill-fond numru 60, Triq il-Kbira.

06.3.9.1 Qal li l-Kunsill Lokali għandu f'idejh tliet kwotazzjonijiet:

Kwotazzjoni 1 – Garaxx, li jista' jintuża wkoll bħala sala żgħira għall-korsijiet - €5,000 (excl. VAT)
Kwotazzjoni 2 – Store u sala għall-korsijiet - €5,850 (excl. VAT)
Kwotazzjoni 3 – Garaxx u sala għall-korsijiet – €3,350 (excl. VAT)

06.3.9.2 Is-Sindku ppropona li għandna nagħżlu l-irħas kwotazzjoni, dik ta' €3,350 (excl. VAT).

06.3.9.3 Il-Kunsillier Daniel Farrugia u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 06.4 <u>TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI</u>

06.4.1 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja staqsa dwar x'isir jekk kemm-il darba s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ikunu msefrin fuq xogħol u tinqala' xi ħaġa b'urġenza.

06.4.1.1 Is-Sindku wieġeb li meta hu ma jkunx fil-pajjiż, allura r-responsabbilità taqa' f'idejn il-Viċi Sindku għalkemm m'għandux kariga eżekuttiva.

06.4.1.2 Il-Viċi Sindku staqsa jekk huwiex possibbli li meta jkun ser ikun imsiefer is-Sindku, jingħata hand-over sabiex ikun jaf kif għandu

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

jipproċedi.

06.4.2 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja staqsa dwar impjegat ġdid tal-RSS li qiegħed jaħdem mal-Kunsill Lokali.

06.4.2.1 Is-Sindku wieġeb li ilu għal dawn l-aħħar sentejn jitlob għal persuna li taf tirranġa l-ħitan tas-sejjieħ kif ukoll sabiex tagħmel xogħol f'Wied iż-Żurrieq.

06.4.2.2 Qal li wara sentejn bagħtulna ħaddiem sabiex nirranġaw il-ħitan tas-sejjieħ u nieħdu ħsieb Wied iż-Żurrieq, biss bħalissa l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu u l-Cleansing Department qegħdin jibagħtu n-nies tagħhom f'Wied iż-Żurrieq u allura aħna qegħdin inqabbdu lil din il-persuna biex tagħmel xogħol fil-lokal.

06.4.2.3 Spjega li l-Kunsill Lokali ma jafx jekk din il-persuna hijiex se tibqa' magħna għal tul taż-żmien, imma sakemm ser idum magħna aħna ser nibqgħu nagħtuha x-xogħol.

06.4.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa staqsa jekk nistgħux nagħmlu nota fil-fuljett li min għandu siġar f'ġardina fuq barra, jiżborhom u ma jħallix il-weraq u l-friegħi ħerġin 'il barra.

06.4.3.1 Is-Sindku wieġeb li m'għandiex tkun problema li tkun inkluża din in-nota fil-fuljett li ser jinħareġ ix-xahar id-dieħel.

06.4.4 Il-Kunsillier Charles Zerafa staqsa dwar is-sitwazzjoni ta' parkeġġ fi Triq it-Tabib Gregorio Mifsud kantuniera ma' Triq Santa Katarina.

06.4.4.1 Is-Sindku wieġeb li bħala Kunsill Lokali għamilna dak kollu li stajna, fejn għamilna sinjal ta' Keep Clear quddiem il-blokka ta' garaxxijiet, kif ukoll għamilna l-kaxxi tal-parkeġġ ħalli kulħadd jipparkja tajjeb.

06.4.4.2 Qal li sfortunatament għad hemm min qiegħed jabbuża u hemm bżonn li jsir l-infurzar imma mhux dejjem qegħdin insibu koperazzjoni mill-awtoritajiet konċernati.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 06.5 **RAPPORTI**

06.5.1 Il-Kunsillier Charles Zerafa tkellem dwar laqgħa li saret ma' Kurt Cortis mill-MEUSAC dwar kif il-Kunsill Lokali jista' japplika għal proġetti tal-Unjoni Ewropea relatati maż-żgħażagħ. Is-Sindku David Schembri kien ukoll preżenti għal din il-laqgħa.

06.5.2 Il-Kunsillier Charles Zerafa tkellem dwar it-twaqqif ta' Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ.

06.5.2.1 Qal li ser ikompli jiddiskuti mal-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Gabriel Camilleri dwar il-persuni li jkunu involuti fih.

06.5.2.2 Ser isir avviż fil-pubblikazzjoni tal-Kunsill Lokali sabiex min irid jieħu sehem fih ikun jista'. L-età ser tkun ta' bejn it-13 u l-20 sena.

06.5.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa tkellem dwar laqgħa li saret mal-Inġinier James Attard dwar kif tista' tinħoloq mobile app tal-Kunsill Lokali.

06.5.3.1 Qal li għal din il-laqgħa kienu preżenti wkoll is-Sindku David Schembri u s-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon.

06.5.3.2 Spjega kif apparti informazzjoni dwar il-Kunsill Lokali u avviżi oħra, nistgħu nibdew nirċievu rapporti u lmenti mir-residenti, kif ukoll hemm possibbiltà li jibdew jitħallsu l-permessi permezz tal-app.

06.5.3.3 Żied li rridu nħarsu lejn kwotazzjonijiet oħra u għaldaqstant ser niċċekkjaw ma' kumpaniji oħra għall-kwotazzjonijiet.

## 06.15 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

06.15.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €17,479.58 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 10/19 u €152.35 skont il-*Petty Cash* Ref W/10.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

06.15.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

06.15.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja u l-Kunsillier Charles Zerafa ssekondaw din il-proposta.

06.15.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 06.16 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

06.16.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-8pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 11 ta' Diċembru fil-5:30pm.

06.16.2 Ġie deċiż ukoll li ssir il-Laqgħa tal-Lokalità sabiex jiġu diskussi l-proposti maqbula mill-Kunsill Lokali għall-ħames snin illi ġejjin u din ser issir nhar l-Erbgħa 11 ta' Diċembru fis-7pm.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**